**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 6 ta' Ottubru, 2016

Rikors Guramentat numru : 145/13 AL

**A B f'isimha proprju u f'isem binha minorenni J B mahtura kuratur "ad litem" b'digriet tat-3 ta' Ottubru 2013**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li permezz taghha ppremettiet :

1. Illi hija zzewget lil C B fid-29 ta' April 1994 u ghandhom zewgt itfal L – illum ta' 18 –il sena u J, minorenni ta' tnax (12) –il sena, ahwa B, li joqoghdu maghha, filwaqt li zewgha l-intimand hareg mid-dar taz-zwieg;
2. Illi sfortunatament inqalghu hafna problem fiz-zwieg minhabba inkompatibilita' ta' karattru, nuqqas ta' responsabbilita kif ukoll sevizji, theddid u ingurji gravi min-

naha tal-intimand kif ukoll nuqqas ta' hlas xieraq ta' manteniment ghaliha u ghat-tfal, u ghalkemm ghamlet diversi tentattivi dan kien ghalxejn; anzi llum l-intimand spicca abbanduna d-dar;

3. Illi hija inghatat il-permess mehtieg biex tmexxi b'dil-kawza : Dok. B;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-firda personali bejn il-kontedenti konjugi B u dan minhabba htijiet imputabbli lil C B;
2. Tafda l-kura u l-kustodja tat-tifel minorenni J B f'idejn l-attrici b'access xieraq ghal missierhom l-intimand;
3. Tordna li fid-dar taz-zwieg tghix biss l-attrici ma binha minorenni J B;
4. Tiffissa retta xierqa ta' manteniment ghall-attrici u binha minorenni J B;
5. Tikkundanna lill-intimand C B ihallas din it-retta alimentari;
6. Tittermina l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kontendenti, tillikwidaha u taqsamha f'zewg ishma b'mod li jkunu komminati kontra l-intimand d-disposizzjonijiet tal-Art 48 tal-Kap 16;

Bl-ispejjez kontra l-intimand imharrek minn issa ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi huwa jaqbel li z-zwieg bejn il-konjugi B tkisser b'mod irrimedjabbli, izda dan sehh minhabba htijiet imputabbli lill-mara kif ser jigi ppruvat;
2. Illi jsegwi li d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom jigu applikati kontra l-mara;
3. Illi l-kura u kustodja tal-minuri J B ghandha tkun wahda kongunta u l-eccipjenti jaqbel li huwa jhallas retta alimentari ghalih u dana skont il-mezzi tieghu;

4. Illi l-esponenti certament li ghandu jkollu access liberu u ampju viz a viz l-imsemmi minuri;
5. Illi l-mara tahdem kif ser jigi ppruvat;
6. Illi l-eccipjenti jaqbel li l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti ghandhom jigu divizi bejn il-kontendenti;
7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti għandha quddiemha kawża ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet, b'dan illi l-r-rikorrenti taġixxi f'isimha proprju u f'isem binha minuri J B, stante l-ħatra tagħha ta' kuratur ad litem ai termini ta' digriet ta' din l-istess Qorti ddatat 3 t'Ottubru 2013. Jiġi nnotat li m'hemm ebda kontro-talba da parti tal-intimat.

Jiġi nnotat ukoll illi minkejja li l-intimat ingħata ċ-ċans li jressaq il-provi tiegħu anke quddiem l-Assistent Ġudizzjarju maħtura għal dan l-iskop, huwa naqas milli jagħmel dan u bl-ebda mod ma kkontradixxa l-verżjoni mogħtija mir-rikorrenti.

Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur u għan-nota ġuramentata tal-attriċi li permezz tagħha telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

- Tiddikjara li kwantu għar-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ, din għandha tingħata lill-intimat minħabba ħtijiet imputabbli lilu;
- Għal dak li jirrigwarda l-minuri J, tikkontendi li għandha tiġi fdata bil-kura u l-kustodja tiegħu b'aċċess xieraq għall-intimat;
- Rigward manteniment titlob retta xierqa għaliha u għal binha minuri;
- Titlob it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u l-qasma tagħha;
- Titlob li fid-dar taż-żwieġ jgħixu biss hi u binha minuri;
- Titlob ukoll li tirriverti lura għal kunjom xbubitha N.

**<u>Dwar ir-Responsabilita` għat-Tkissir taż-Żwieġ</u>**

Illi mill-atti proċesswali, jirriżulta illi f'Lulju 2010, ir-rikorrenti kienet talbet li tkun ammessa għall-benefiċċju ta' avukat għall-għajnuna legali sabiex tipproċedi kontra żewġha bil-proċeduri odjerni. Jirriżulta illi f'Lulju 2010, l-intimat kien diġa telaq mid-dar matrimonjali u għaldaqstant il-partijiet kienu *de facto* separati.

Permezz tal-affidavit tagħha[1], ir-rikorrenti tirrakkonta kif hija ma setgħetx tkompli tgħix taħt saqaf wieħed ma żewġha u dana stante l-problema tiegħu ta' xorb eċċessiv li kien iwasslu biex jidħol id-dar fi stat ta' sokor – sokor fi grad li ma jkunx jaf fejn qed jaqdi l-bżonnijiet tiegħu naturali.

Irrakkontat ukoll illi l-intimat kien jerfa' jdejh fuqha, xi drabi anke fil-preżenza ta' wliedha u kien jagħmel xenati li jistemgħu mill-ġirien. Partikolarment, tiftakar okkażjoni fejn kienu sejrin lura d-dar minn barbikju fejn kien qabadha minn xagħarha fil-preżenza tal-ġenituri tagħha. Missierha, li kien qed isuq, waqqaf il-vettura u widdbu biex lil bintu jerħilha u ma jerġax

[1] Ara fol. 41 tal-proċess

jerfa' jdejh fuqha. Minkejja dan, huwa xorta waħda baqa' jsawwatha u hi kienet tagħmillu diversi rapporti mal-Pulizija imma ma tipproċedix fuqhom. Dwar dan l-inċident jixhed ukoll missier ir-rikorrenti S N[2] li kkonferma li huwa kellu jieqaf isuq u jmur jifridhom.

Tiftakar ukoll okkażjoni oħra fejn ma ridietx li jkollha x'taqsam miegħu u beda jgħajjarha, jagħtiha u jiġbidha minn ġos-sodda u taha daqqa ta' ponn ġo daharha. Ħareġ fil-kuritur u beda jagħti bil-ponn fuq l-għamara u l-bibien, filwaqt illi hija ssakkret ġo kamritha u imbarrat il-bieb b'biċċa għamara.

Inoltre, l-intimat kien jabbanduna lir-rikorrenti billi ma kienx joħroġ magħha u ma' wliedhom, iżda dawn kienu dejjem joħorġu ma' ommha u missierha.  Kien hemm drabi fejn huwa telaq mid-dar għal xahar jew xahrejn u jmur għand ommu, iżda r-rikorrenti dejjem aċċettatu lura.

Iżżid tghid li kien hemm ukoll problemi finanzjarji fiż-żwieġ peress illi kien jonfoq flusu fuq iż-żiemel u x-xorb u fl-aħħar kien anke qed jilgħab flusu l-każino. Ġie bżonn jissellef €5000, u kien għamillu tajjeb missierha[3], iżda hu ma kienx iħallas lura d-dejn u spiċċat ħallsitu hi.

Il-verżjoni tar-rikorrenti hija korraborata minn oħtha T Grech[4] li xehdet kif ir-rikorrent "jiżbroffa, jiġġieled, jgħajjat u saħansitra jsabbat ma' wiċċha". Hija xehdet kif ta' kuljum ir-raġel ta' oħtha kien imur ġo bar fis-Siġġiewi jew jerħilha l-Marsa jara t-tiġrijiet taż-żwiemel. Hi tghid ukoll li ġieli mit-triq semgħet lill-intimat jgħajjat m' oħtha jew semgħet tisbit.

Ommha, P N[5], xehdet illi C għandu l-kapriċċi tax-xorb, iż-żwiemel u d-dagħa. Jekk jirbaħ, imur jiċċelebra, u jekk jitlef imur jixrob biex jinsa. Lanqas il-Ħadd ma kien iqattgħu mal-familja għax kien imur il-Marsa ma' missieru.

---

[2] L-affidavit tiegħu jinsab fol. 38 tal-proċess

[3] Effettivament kienu l-ġenituri li ħadu s-self mill-BOV kif sejjer ikun spjegat iktar 'il quddiem f'din is-sentenza.

[4] L-affidavit tagħha jinsab fol. 33 tal-proċess

[5] L-affidavit tagħha jinsab fol. 34 tal-proċess

Missier ir-rikorrenti wkoll ikkonferma li C kien jixrob ħafna.

Ikkunsidrat:

Illi dwar l-ewwel talba tar-rikorrenti, il-Qorti fl-ewwel lok tagħmel referenza għall- Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipula:

"***Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment***".

Il-Qorti, wara li rat il-provi kollha esebiti, hija konvinta sal-grad rikjest mill-liġi li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irremedjabbilment u konsegwentement hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet.

Illi permezz tas-sentenza fl-ismijiet Caterina Agius vs. Benedict Agius[6] ġie enunċjat illi l-Liġi tqiegħed bħala motivi illi jiġġustifikaw l-azzjoni tas-separazzjoni personali, l-episodji saljenti tal-ħajja konjugali, u mhux inċidenti minuri.

Fil-każ fl-ismijiet Elisa Thompson vs. Edward Thompson[7] imbagħad ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

---

[6] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Ġunju 1967 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[7] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

L-Artikolu 40 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta isemmi l-moħqrija, illi minn ġurisprudenza kostanti, tirreferi għas-sevizzi[8] bħala bażi għas-separazzjoni personali.

Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud[9]**,** deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 1961, ġie enunċjat illi: *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi".*

Fis-sentenza ġia ċċitata fl-ismijiet Antoinette Cauchi vs. Alexander Cauchi, l-inġurji jew offiżi gravi ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz".*

Fil-każ in eżami, m'hemm l-ebda dubju li l-aġir tal-konvenut, kif irrakkontat mill-attriċi u gia rrappurtat f'din is-sentenza, irrenda l-ħajja komuni insapportabbli. Fil-fatt fl-aħħar, ir-rikorrenti ħasset li bejn il-partijiet ma kien għad baqa' xejn għajr xorb, swat, xenati, dagħa u logħob. Hija ma felħitx torqod iktar ħdejh, stante li ma kienx jinħasel wara ġurnata xogħol fir-razzett u fil-ħwienet tax-xorb. Għalhekk, jum fost l-oħrajn, qaltlu li fid-dar jew hi jew hu, u kien telaq 'il-barra l-intimat. Fi kliemha *"kieku ma telaqx hu, kont nitlaq jiena basta ma nibqax fl-infern li kont fih, jiena u t-tfal"*[10].

Għalhekk, fid-dawl ta' dan, il-Qorti tirrileva li m'hemm ebda raġuni għaliex m'għandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi ħtija unika tal-istess intimat, li rrenda ruħu ħati ta' inġurji gravi u moħqrija (sevizzi) fil-konfront tal-attriċi .

## Dwar il-Kura u Kustodja u Aċċess tal-minuri J

[8] Ara s-Sentenza fl-ismijiet Antoinette Cauchi vs. Alexander Cauchi, deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[9] Vol. XLV C.ii.708

[10] Affidavit attriċi fol. 45 tal-proċess.

Il-partijiet għandhom żewġ ulied: L li llum huwa maġġorenni u J li għadu minuri. Dawna jirrisjedu t-tnejn mar-rikorrenti li jidher, mill-assjem tal-provi, li tikkurahom mill-aħjar skont il-mezzi tagħha.

Dwar ir-relazzjoni tal-intimat mal-ulied,  l-attriċi tgħid li x-xenati li kien jagħmel l-intimat kienu ta' sikwit iseħħu fil-preżenza ta' wliedhom, anke meta dawna kienu għadhom it-tnejn żgħar. Tallega wkoll li lil L ġieli ħadu l-Marsa u fil-ħwienet tax-xorb u kien jgħidlu biex lil ommu, cioe lir-rikorrenti, ma jgħidilha xejn.

Oħt ir-rikorrenti T Grech xehdet[11] kif l-intimat ma kienx jiddejjaq ikun aggressiv fil-preżenza ta' uliedu. Fi kliemha *"l-aktar ħaġa li ma kontx  nista' għaliha u kienet iddejjaqni ħafna kienet meta kull filgħaxija kont inċempel lil oħti kienu jirrisponduni t-tfal imbikkma u jibkuli biex immur għalihom. Waqt dan kollu fuq it-telefown kien dejjem jinstema leħen C jiġġieled u jkisser fid-dar. Kont nitwerwer. Lil oħti kont inkellimha u din kienet tmur lejn l-għassa tal-pulizija jew inkella kien jitlaq C barra mid-dar."*

Omm ir-rikorrenti xehdet illi C xi drabi kien idum xahrejn ma jara lit-tfal. [12]

V N, missier ir-rikorrenti, kkonferma li l-intimat kien jieħu lil ibnu L miegħu il-Marsa, meta kellu biss xi tnax-il sena – post li skont l-istess xhud kien mimli dagħa faħxi, disperazzjoni u lagħaba mill-kbar.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti dejjem irriteniet li t-talba ta' kura u kustodja għandha tiġi determinata u deċiża skond il-prinċipju tal-aħjar interessi tal-minuri. Wara li din il-Qorti semgħet il-provi kollha miġbura fil-mori tal-kawża, hija moralment konvinta li huwa fl-aħjar interessi tal-minuri li jkun fdat mar-rikorrenti ommu u dan anke in vista tal-fatt li l-intimat ma jurix interess biżżejjed lejn uliedu u

[11] Affidavit fol. 34
[12] Affidavit ta' P N fol. 34

fuq kollox m'hemm ebda prova li turi li r-rikorrenti m'hijiex omm idoneja għall-istess minuri.

Jirriżulta wkoll li l-istess missier donnu tilef l-interess fil-proċeduri odjerni, tant li naqas milli jressaq il-provi tiegħu sabiex juri li hu kapaċi jieħu ħsieb il-minuri u jassumi r-responsabbilita' ta' missier idoneju, jew li għall-anqas juri li hemm xi forma ta' interess da parti tiegħu. Tenut kont ta' dan, kif ukoll tal-fatt li minn mindu l-partijiet isseparaw *de facto* kienet ir-rikorrenti li b'mod esklussiv ħadet ħsieb lill-minuri, din il-Qorti tħoss li huwa fl-aħjar interessi tal-minuri li l-kura u l-kustodja tal-istess minuri tiġi fdata f'idejn ir-rikorrenti b'mod esklussiv.

Nonostante dan, il-minuri m'għandu jkollu ebda xkiel illi jiltaqa' ma' missieru u jerġa jibni rapport miegħu. Tenut kont tal-eta' tal-minuri, li wasal biex jagħlaq sittax-il sena, l-aċċess tal-intimat versu l-minuri għandu jseħħ bi ftehim mal-istess minuri.

**Dwar il-Manteniment**

L-attriċi qiegħda titlob manteniment għaliha personalment kif ukoll għal binha minuri J.

Hija tiddikjara li għall-ikel tagħha u ta' żewġ uliedha ta' kull ġimgħa tonfoq bejn €80 u €90. Hija taqbad €420 fix-xahar f'assistenza soċjali kif ukoll madwar €40 fix-xahar mingħand mara li tmur għandha sagħtejn kull ġimgħa. Ippreżentat kopja ta' diversi rċevuti li jidhru li huma relatati mal-edukazzjoni tat-tifel, stante li huma riċevuti ta' stationery u uniformi iżda ma tat l-ebda spjegazzjoni dwarhom. Rigward ix-xogħol tal-intimat, l-attriċi tgħid li huwa dejjem jgħid illi ma jaħdimx, iżda skond hi huwa jaħdem billi jiksi, ibiegħ fil-festi u ġo ħanut tax-xorb.

Illi f'Jannar 2014[13], l-attriċi ippreżentat rikors fejn iddikjarat illi sa xahrejn qabel, żewġha kien jgħaddilha €40[14] bħala manteniment għal binhom minuri J. Iżda l-intimat arbitrarjament iddeċieda li jwaqqfilha dan il-ħlas u għalhekk hija talbet ordni ta' manteniment mingħand il-Qorti.

Fir-risposta tiegħu, l-intimat iddikjara illi "għal dawn l-aħħar xahrejn, l-esponenti mhux jaħdem u qed jirreġistra għax-xogħol." Iddikjara wkoll li martu taħdem bħala fattiga ma' diversi nies u mhux biss familja waħda kif tat l-impressjoni l-attriċi.

Il-Qorti f'dak l-istadju ddeċidiet li tiċħad it-talba tar-rikorrenti għal manteniment għaliha u ordnat manteniment ta' €200 fix-xahar għall-minuri J, oltre nofs l-ispejjeż għas-saħħa u edukazzjoni tal-istess minuri.

Dwar it-talba tar-rikorrenti sabiex din il-Qorti tiffissa retta alimentarja għaliha, kif diġa ntqal, l-attrici taħdem bħala fattiga u tipperċepixxi wkoll l-assistenza soċjali. F'dan l-istadju hija għandha l-potenzjal li żżomm lilha nnifisha materjalment, mingħajr il-ħtieġa ta' mateniment mingħand żewġha. Hija mara bieżla u m'għandha ebda diffikulta` jew impediment sabiex tkompli taħdem u taqla' l-għixien tagħha bħal ħaddieħor. Il-Qorti pero` żżid illi l-attriċi bl-ebda mod ma tilfet il-jedd tagħha ta' manteniment mingħand żewġha u dan peress li kif intqal qabel, hija ma kellha ebda ħtija fit-tkissir taż-żwieġ.

Rigward il-manteniment tal-minuri, il-Qorti tirrileva li jirriżulta bl-aktar mod ċar li r-responsabbilita' kollha relatata mal-minuri waqgħet fuq ir-rikorrenti.

L- artikolu 7(1) ta' Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16) tal-Liġijiet ta' Malta jistipula li: "***Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi."*** L-artikolu 3B tal-istess Kodiċi jistipula illi: "***Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li***

[13] Ara fol. 58 tal-proċess

[14] Il-Qorti ma tafx jekk humiex ta' kull xahar jew ta' kull ġimgħa.

***jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi verso l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija ta' l-istess. L-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess: kull wieħed skond il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 20 ta' l-istess Kodiċi, u l-bżonnijiet ta' l-istess minuri. Din il-Qorti dejjem irritjeniet ukoll li l-obbligu għall-manteniment tal-ulied m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-ġenituri, iżda huwa obbligu assolut. Fil-fatt, l-intimat, li għandu flus biżżejjed għal kannestru tuffieħ għaż-żiemel u għall-vizzju tiegħu tax-xorb, m'huwiex eżonerat milli jmantni lil ibnu.

F'dan l-istadju, il-Qorti tagħmel referenza għad-digriet tagħha stess tat-2 ta' April 2014, fejn l-intimat ġie ordnat iħallas is-somma ta' €200 kull xahar rappreżentanti manteniment għal ibnu J, oltre nofs l-ispejjeż għas-saħħa u edukazzjoni tal-istess minuri.

Dan id-digriet qiegħed jiġi preżentement varjat billi li l-manteniment li għandu jiġi mħallas mill-intimat versu l-minuri għandu jkun dak ta' €250 fix-xahar, li jkun jinkludi wkoll is-sehem tiegħu mill-ispejjeż relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni tal-istess wild. Tali manteniment jibqa' jitħallas *di fermo* sakemm il-minuri jkollu tmintax–il sena. Jekk l-istess minuri sussegwentement li jsir maġġorenni jkun qed jistudja fuq bażi *full-time*, allura tali manteniment għandu jibqa' jitħallas mill-intimat sakemm l-istess minuri jieqaf jistudja fuq bażi *full-time* jew jilħaq l-eta' ta' tlieta u għoxrin (23) sena, skont liema eventwalita' sseħħ l-ewwel.

Il-manteniment jiżdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jinqata' direttament mill-introjtu jew minn kwalsiasi benefiċċju perċepit mill-intimat.

**<u>Dwar it-Terminazzjoni u Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti</u>**

Jiġi allegat illi fiż-żwieġ il-partijiet għamlu dejn mal-ġenituri tar-rikorrenti fis-somma ta' Lm5,000. Ommha P tispjega illi kienu taw lil C Lm5,000 għax qal li ma kellux u bihom xtara żiemel. Dawn il-flus ma kienx tahomlha lura.

Missier ir-rikorrenti S, ikkonferma li kien silef Lm5,000 lill-partijiet għax ma kellhom xejn. Meta l-intimat telaq mid-dar, ma baqax iħallashom lura u spiċċat tagħtihomlu lura bintu weħidha.

Dwar dan l-ammont misluf, jirriżulta li effettivament l-ammont kien ta' ħamest elef ewro kif tgħid ir-rikorrenti u mhux Liri Maltin kif jgħidu l-ġenituri tagħha. Maria tispjega fl-affidavit ulterjuri tagħha illi fil-bidu C kien jagħtiha €120 fix-xahar u hi kienet tmur tħallashom il-Bank. Dan sar min-Novembru 2008 sa Awwissu 2009. F'Awwissu 2010 għaddhielha €100 għal dan l-iskop.

Meta sseparaw de facto, billi l-Bank naturalment baqa' jinsisti fuq il-ħlas u l-imgħax baqa tiela, il-ħlas tas-self sar minn missier ir-rikorrenti. Huwa ħallas is-somma ta' €2,989.33 lill-Bank fid-9 ta' Lulju 2010[15] biex b'hekk issalda d-dejn li kien hemm mal-Bank. Ir-rikorrenti min-naħa tagħha irrifondiet lil missierha ftit ftit fix-xahar sakemm ħallsithom kollha.

Mid-dokument illi jinsab esebit fol. 70 tal-proċess[16], jirriżulta wkoll illi l-konjuġi isselfu mingħand Christopher Grech is-somma ta' disa' mitt Ewro (€900). Dan kien fis-17 ta' Marzu 2010. F'Ġunju 2010, C B ħallas lil Christopher Grech €80 u ħallas pagament ieħor ta' €50 f'Awwissu. Ir-rimanenti ma ħallashomx C iżda ħallsithom Maria B.

---

[15] Fol. 90

[16] Affidavit ta' Christopher Grech

Inoltre l-attriċi tallega meta l-partijiet infirdu kien hemm is-segwenti debiti:
€669.98 fuq dawl u ilma
€1027 kera fuq id-dar matrimonjali
€419.17 Arretrati fuq Liċenzja tat-TV

Dwar dawn id-djun, jirriżulta li dawna kollha saru matul iż-żwieġ tal-partijiet u tħallsu wkoll matul iż-żwieġ tal-partijiet. Illi għalkemm kienet l-attriċi li ħallset dawn id-debiti minn butha, effettivament il-fondi kienu jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti li kienet viġenti, u li għadha sal-lum viġenti bejn il-partijiet. Illi in vista ta' dan, m'hemmx lok ta' rifużjoni tal-imsemmija debiti.

Jirriżulta wkoll mid-dokument li jinsab esebit fol. 40 tal-proċess, illi missier ir-rikorrenti V N kien ta donazzjoni ta' Lm3,000 lil bintu Maria, bħalma ta ukoll lil uliedu l-oħrajn, liema flus kienu waslu għandu mill-wirt ta' missieru D N. Ir-rikorrenti fl-affidavit ulterjuri tagħha tgħid li dan l-ammont huma wżawh għal kamra tas-sodda (Lm550), rigal biex daħlu fil-post (Lm1000), kamra tal-banju (Lm800) u affarijiet oħra li setgħu ġew bżonn.

Invista li dawn il-fondi kienu parafernali tal-attriċi, iżda ġew użati għall-bżonnijiet tal-ewwel dar taż-żwieġ, l-intimat għandu jirrifondi lill-attriċi nofshom u cioe is-somma t' Lm1,500, illum ekwivalenti għal €3494.

Fid-dar matrimonjali hemm is-segwenti oġġetti mobbli:

| **Oġġett** | **Valur (meta saru)**[17] | **Valur 2014** |
|---|---|---|
| Salott | €600 | €300 |
| Kċina | €1800 (1996) | €800 |

[17] Valutazzjonijiet mogħtija mir-rikorrenti skont in-nota maħlufa tagħha ddatata 2 ta' Ġunju 2014 fol. 66 tal-proċess.

| | | |
|---|---|---|
| 2 airconditioners | €600 | |
| 3 biċċiet għamara fil-kuritur | €360 | €150 |
| Fireplace | €400 (1995) | €300 |
| Kamra tat-tfal | €600 (2000) | €550 |

Il-Qorti hija tal-fehma li dawn il-mobbli jibqgħu jidgawdew mir-rikorrenti u minn uliedha u dana kemm għaliex l-intimat ma weriex ix-xewqa li jiġu assenjati lilu kif wkoll stante li jekk jintalab il-bejgħ tagħhom, ma jġibux valur xieraq fis-suq. Il-valur korrenti ta' sehem l-intimat minn dawn il-mobbli huwa fl-inċirka ta' elf mitejn u ħamsin Ewro (€1250).

Ir-rikorrenti tallega wkoll illi l-partijiet kellhom friża tal-gass li tiswa €600, BBQ tal-gass li jiswa €350 u b'€2,000 għodda tal-kisi, li lkoll ġew mibjugħa mill-intimat mingħajr ma qal xejn lir-rikorrenti. Dawn l-oġġetti appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti, ġew mibjugħa mill-intimat għall-vantaġġ tiegħu biss u għalhekk, l-intimat għandu jirrifondi lir-rikorrenti nofs il-valur tal-istess oġġetti, liema valur qiegħed jiġi stmat minn din il-Qorti illi fl-intier tiegħu jiswa l-ammont ta' elfejn Ewro, biex b'hekk l-intimat għandu jirrifondi lir-rikorrenti elf Ewro (€1,000).

Billi dan l-ammont (€1000) ilaħħaq il-valur tas-sehem tal-intimat mill-mobbli (€1250) kif fuq spjegat, għalhekk il-Qorti tordna li l-konvenut ma jħallas xejn lill-attriċi, filwaqt li hija ma tħallsu xejn għall-mobbli.

Illi għaldaqstant il-Qorti qiegħda tordna t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti sal-lum viġenti bejn il-partijiet, u tillikwidaha kif ġej:

- Tassenja lir-rikorrenti l-mobbli kollha li jinsabu fid-dar matrimonjali;
- Tassenja lill-intimat kwalsiasi debitu li **sal-lum** għadu pendenti rigwardanti servizzi ta' dawl u ilma, liċenzja ta' televixin u arretrati ta' kera. Tordna li l-istess servizzi mil-lum ikunu intestati esklussivament f'isem ir-rikorrenti u jkunu responsailita` unika tagħha.
- Tordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti is-somma ta' tlett'elef erba' mija u erbgħa u disgħin ewro (€3494) rappreżentanti rifużjoni ta' flus parafernali tar-rikorrenti.

## Dwar id-Dar Matrimonjali

Fir-rikors tal-attriċi tal-20 ta' Jannar 2014[18], l-attriċi tiddikjara illi d-dar taż-żwieġ, Appartament 6, Entratura B, Blokk B, Triq Salvatore Mallia, Siġġiewi, hija mikrija mingħand il-Gvern. Dana m'huwiex ikkontestat, anzi huwa kkorraborat mid-dokumenti esebiti fol. 88, 89 u 104 tal-proċess.

Tenut kont illi r-rikorrenti, minn mindu l-partijiet isseparaw de facto, baqgħet tirrisjedi f'din id-dar u magħha trabbi żewġ uliedha, u tenut kont ukoll li hija baqgħet tħallas is-servizzi relatati mal-istess dar mill-flus limitati li kellha għad-dispożizzjoni tagħha, il-Qorti qegħda tassenja d-drittijiet ta' kera fuq l-imsemmija dar lir-rikorrenti u, filwaqt illi tiddikjara illi l-imsemmija dar mil-lum m'għadhiex tikkostitwixxi d-dar matrimonjali, tawtorizza lir-rikorrenti tibqa' tgħix esklussivamet fl-imsemmija dar, ossia Appartament 6, Entratura B, Blokk B, Triq Salvatore Mallia, Siġġiewi, bl-esklużjoni ta' żewġha l-intimat.

[18] Fol. 58

## Dwar Kunjom ir-Rikorrenti

Ir-rikorrenti tul il-proċeduri odjerni baqgħet kostantament[19] titlob il-Qorti l-awtorizzazzjoni sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha N. Il-Qorti tilqa' din it-talba ai termini tal-Artikolu 62(1) tal-Kodiċi Ċivili.

## DEĊIDE

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi B, bi ħtijiet imputabbli lill-intimat;

[2] Tilqa' it-tieni talba tar-rikorrenti, limitatament fis-sens illi tafda il-kura u l-kustodja tal-minuri J esklussivament f'idejn ir-rikorrenti;

[3] Tilqa' it-tielet talba tar-rikorrenti u tordna li fid-dar li sal-lum kienet id-dar matrimonjali, tgħix biss l-attriċi u l-minuri J, bl-esklużjoni tal-intimat;

[4] u [5] Tilqa' r-raba u l-ħames talbiet tar-rikorrenti, limitament għal dak li jirrigwarda l-manteniment tal-minuri u tiffissa manteniment li għandu jitħallas mill-intimat lir-rikorrenti kull xahar fis-somma ta' €250, liema somma tinkludi s-sehem tal-istess intimat mill-ispejjeż relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni tal-istess minuri u li tiżdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja, iżda tiċħad it-talba relatata mal-manteniment versu r-rikorrenti;

[6] Tilqa' s-sitt talba tar-rikorrenti billi tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet u tillikwidaha billi

---

[19] Fol. 46, 76, 102 u 123

- Tassenja lir-rikorrenti l-mobbli kollha li jinsabu fid-dar matrimonjali;
- Tassenja lill-intimat kwalsiasi debitu li **sal-lum** għadu pendenti rigwardanti servizzi ta' dawl u ilma, liċenzja ta' televixin u arretrati ta' kera;
- Tordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti is-somma ta' tlett'elef erba' mija u erbgħa u disgħin ewro (€3494) rappreżentanti rifużjoni ta' flus parafernali tar-rikorrenti.

[7] Tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti għal kunjom xbubitha N.

Bl-ispejjeż hekk kif mitluba kontra l-intimat.

Dr. Abigail Lofaro
Imhallef

Rita Vella-Baldacchino
Dep. Reg.